

MT



Parlament Ewropew

L-EDUKAZZJONI U T-TAGĦLIM FIL-PARLAMENT EWROPEW



MINGĦAJR ĦLAS

Il-Parlament Ewropew jilqa' viżitaturi ta' kull età. F'dan il-fuljett, issib informazzjoni dwar is-servizzi u r-riżorsi li huma disponibbli għall-
edukaturi u li jagħmlu parti mill-offerta standard proposta għall-
viżitaturi fi Brussell u Strasburgu.

Fi Brussell, l-offerta standard tiġbor fiha tliet faċilitajiet: l-*Emiċiklu*
li jintuża għad-dibattiti u l-votazzjonijiet, il-*Parlamentarium* li
huwa ċ-ċentru tal-viżitaturi u *Dar l-Istorja Ewropea* li hija mużew. Fi
Strasburgu, il-viżitaturi jistgħu jaraw l-*Emiċiklu* u l-*Parlamentarium*
Simone Veil fi żjara kkombinata.

L-edukaturi jistgħu wkoll jutilizzaw in-netwerk *uffiċċji ta' Kollegament*
tal-Parlament Ewropew fi bliet ewlenin madwar l-Ewropa. L-uffiċċji
jorganizzaw avvenimenti u jipprovdu materjal dwar il-Parlament
Ewropew, u xi wħud saħansitra jinkludu wirja unika u kompletament
ġdida *Europa Experience*, li tippermetti lill-viżitaturi jiskopru l-politika
Ewropea b'mod interattiv u dinamiku.

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-informazzjoni kollha dwar
iż-żjarat lill-Parlament Ewropew, inklużi l-prenotazzjonijiet, jinstabu
fis-sit web tagħna:

www.europarl.europa.eu/visiting

BRUSSELL

DAR L-ISTORJA EWROPEA

Dar l-Istorja Ewropea tagħti ħarsa lejn il-kontinent sħiħ u toffri lill-visitaturi perspettivi differenti dwar l-Istorja tal-Ewropa. Il-Mużew huwa spazju ta' taġlim ideali għall-esplorazzjoni tal-imġhod, tal-preżent u tal-ġejjieni tal-Ewropa b'mod impenjattiv u pjaċevoli.

Ħinijiet tal-ftuħ:

It-Tnejn: 13:00–18:00 | Mit-Tlieta sal-Ġimgħa: 9:00–18:00 | Is-Sibt u l-Hadd: 10:00–18:00



Worksheets tal-attivitajiet



Worksheets imfassla apposta jappoġġjaw l-esperjenza ta' taġlim tal-wirjiet permanenti. Ir-riżorsi jħeġġu lill-istudenti jiflu, jinterrogaw u janalizzaw l-Istorja b'mod indipendenti. Filwaqt li jaħdmu fi gruppi żgħar, il-visitaturi jesploraw fil-fond l-istess u l-kontenut tal-mużew u fl-istess ħin jiskopru għal rashom l-Istorja Ewropea. Il-mexxejja tal-gruppi jistgħu jużaw noti ta' gwida biex jakkumpanjaw lill-istudenti li jkun qad jużaw il-worksheets.

👥 **Bejn 12 u 18-il sena** 🧑🏫 10–60 persuna ⌚ Wirja permanenti: 90 minuta

🗣️ DE, EN, FR, NL

Disponibbiltà: Kuljum

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: Ġimagħtejn

Sessjoni ta' ħidma: Barra mill-vetrina



L-Istorja tiegħu l-ħajja fis-sessjoni ta' ħidma *Barra mill-vetrina*. Il-parteciċipanti se jkollhom esperjenza diretta huma u jiskopru oġġetti affaxxinanti f'Dar l-Istorja Ewropea. Sorsi primarji u sekondarji, inklużi oġġetti, ritratti u materjal testwali, jistgħu jiġu miflija hekk kif il-parteciċipanti jkollhom l-oportunità jmissu l-Istorja b'idejhom.

 **Bejn 6 snin u 18-il sena**  10–30 persuna  90 minuta  4 DE, EN, FR, NL

Disponibbiltà: Kuljum

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: 4 ġimgħat

IL-PARLAMENTARIUM

Esperjenza l-Parlament Ewropew bħal qatt qabel fil-kumpless innovattiv tal-Parlamentarium. Skrins multimedjali dinamiċi, inklużi ċinema impressjonanti ta' 360° u mappa interattiva enormi, jippermettu lill-viżitaturi jiskopru d-demokrazija Ewropea.

Ħinijiet tal-ftuħ:

It-Tnejn: 13:00–18:00 | Mit-Tlieta sal-Ġimgħa: 9:00–18:00 | Is-Sibt u l-Ħadd: 10:00–18:00



Logħba tar-Rwoli



Il-parteċipanti jkollhom il-possibbiltà li jmexxu l-Unjoni Ewropea fil-*Logħba tar-Rwoli*. Bħala Membri tal-Parlament Ewropew, huma jridu jifflu, jiddibattu u jivvutaw fuq leġiżlazzjoni ġdida. Il-gruppi huma maqsuma fi gruppi politiċi u kumitati biex janalizzaw il-kwistjonijiet, jipproponu bidliet u jilħqu kompromessi. Il-parteċipanti jaraw b'għajnejhom stess kif titfassal liġi Ewropea u min huma l-protagonisti ewlenin. Il-parteċipanti kollha jirċievu ċertifikat iffirmit mill-President tal-Parlament Ewropew. Hemm ukoll disponibbli għodda għal wara ż-żjara, biex l-esperjenza tkun tista' tkompli tinħadem fil-klassi.

 **Minn 14-il sena**  16–32 persuna  Sagħtejn u nofs

 L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea

Disponibbiltà: Kuljum

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: 12-il ġimgħa

L-EMIĊIKLU



Żjara fl-Emiċiklu ta' Brussell

L-Emiċiklu jilqa' s-705 Membri tal-Parlament Ewropew u jintuża għall-akbar u l-aktar dibattiti importanti. Il-gruppi jżuru l-gallerija pubblika tal-Emiċiklu u jistgħu jattendu d-dibattiti jekk il-Parlament Ewropew ikun f'sessjoni. Il-gruppi jirċievu wkoll preżentazzjoni wiesgħa u interattiva dwar il-Parlament Ewropew li tista' tiġi adattata skont l-udjenza. Temi ta' interess partikolari jistgħu jiġu indirizzati jekk jiġu indikati meta ssir il-prenotazzjoni.

 10–100 persuna  Minn siegħa u nofs sa tliet sigħat

 L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea

Disponibbiltà: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8:30–18:00

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: 8 ġimgħat

Seminars għaż-Żgħażaġħ Ewropej



Is-Seminars għaż-Żgħażaġħ Ewropej jiġbru flimkien żgħażaġh mill-Ewropa kollha biex jippreżentaw, jiddiskutu u jivvutaw fuq ideat li jindirizzaw temi mqanqla. Għadd ta' gruppi minn pajjiżi differenti jieħdu sehem bl-użu ta' lingwa komuni mitkellma mill-parteċipanti kollha. Matul il-jum l-ideat tagħhom jiġu diskussi sabiex jissolvew kwistjonijiet f'laboratorji tal-ideat. Il-jum jispiċċa b'votazzjoni finali dwar l-aħjar idea, li mbagħad tiġi diskussa mal-Membri tal-Parlament Ewropew.

 **Bejn 16 u 30 sena**  Minn 20 sa 40 parteċipant għal kull grupp ta' skola (gruppi akbar jekk ikun hemm postijiet disponibbli)  Ġurnata  EN, FR, DE

Disponibbiltà: Diversi drabi fis-sena

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: 8 ġimgħat

STRASBURGU



Żjara lill-Parlament Ewropew



Fi Strasburgu tinsab is-sede uffiċjali tal-Parlament Ewropew u fiha jinsab l-Emiċiklu li jintuża għal dibattiti u votazzjonijiet importanti. Iż-żjara tinkludi l-Emiċiklu u parteċipazzjoni fi preżentazzjoni wiesgħa u interattiva dwar il-Parlament Ewropew li tkun imfassla skont l-udjenza. Il-viżitaturi jistgħu jattendu d-dibattiti jekk il-Parlament Ewropew ikun f'sessjoni. Żjara fi Strasburgu issa tinkludi l-*Parlamentarium Simone Veil*, li joffri introduzzjoni dinamika u interattiva għall-Parlament Ewropew.

Waqt is-sessjoni plenarja:

 10–100 persuna  Minn siegħa u nofs sa tliet sigħat

 L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea

Disponibbiltà: mit-Tnejn sal-Ħamis

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: 8 ġimgħat

Barra s-sessjoni plenarja:

 20-100 persuna  siegħa

 L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea (gwidu multimedjali)

 DE, EN, FR (żjarat iggwidati)

Disponibbiltà: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: jumejn

Logħba tar-Rwoli fil-Parlamentarium Simone Veil

Il-parteċipanti jkollhom il-possibbiltà li jmexxu l-Unjoni Ewropea fil-*Logħba tar-Rwoli*. Bħala Membri tal-Parlament Ewropew huma jridu jiflu, jiddibattu u jivvutaw fuq leġiżlazzjoni ġdida. Il-gruppi huma maqsuma fi gruppi politiċi u kunitati biex janalizzaw il-kwistjonijiet, jipproponu bidliet u jilhqqu kompromessi. Il-parteċipanti jaraw b'għajnejhom stess kif titfassal liġi Ewropea u min huma l-protagonisti ewlenin. Hemm ukoll disponibbli għodda għal wara ż-żjara, biex l-esperjenza tkun tista' tkompli tinħadem fil-klassi.

 16–32 persuna  Sagħtejn u nofs

 L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea





Disponibbiltà: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa

Żmien minimu ta' prenotazzjoni: ġimgħtejn

Euroscola



Euroscola tippermetti lill-istudenti jaraw mill-qrib kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea, b'mod dinamiku u multilingwi. Il-Parlament Ewropew jistieden skejjel mill-Unjoni Ewropea kollha biex jieħdu sehem fi programm li jilħaq il-quċċata tiegħu f'avveniment ta' ġurnata waħda fi Strasburgu. Fl-Emiċiklu nnifsu, l-istudenti jieħdu r-rwol ta' Membru tal-Parlament Ewropew li jintervjeni, jiddibatti u jivvota dwar riżoluzzjonijiet. L-iskejjel jibdeu billi jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet nazzjonali qabel ma jivvjaġġaw lejn Strasburgu.

 **Bejn 16 u 18-il sena**  Minn 15 sa 24 persuna (kif ukoll għalliem wieħed jew għalliema waħda)  Ġurnata (minbarra l-kompetizzjonijiet nazzjonali, li jtulu skont il-pajjiż)  L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea (l-avveniment finali fi Strasburgu jkun biss b'dawn il-lingwi: EN, FR, DE)

Disponibbiltà: Ikkuntattja l-eqreb uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew

FL-EWROPA KOLLHA

L-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew għandu xibka ta' Uffiċċji ta' Kollegament fi bliet ewlenin madwar l-Unjoni Ewropea. L-uffiċċji jorganizzaw attivitajiet u avvenimenti, jipprovdu materjal għat-tagħlim dwar l-Unjoni Ewropea, u xi wħud itellgħu wirjiet interattivi bit-titlu Europa Experience. Ara s-sit web għall-viżitaturi biex issir taf fejn jinsab l-eqreb uffiċċju tiegħek.

Il-Programm Skejjel Ambaxxatriċi



Il-Programm Skejjel Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew huwa netwerk edukattiv li jqajjem kuxjenza dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u d-demokrazija. L-għalliema jkunu l-ambaxxaturi anzjani u l-istudenti l-ambaxxaturi zgħażaġh u jorganizzaw attivitajiet bħal punti ta' informazzjoni u avvenimenti għal Jum l-Ewropa. Il-Parlament Ewropew u l-Uffiċċji ta' Kollegament tiegħu jipprovdu appoġġ permezz ta' seminars għall-għalliema, għodod edukattivi u pjattaformi ta' komunikazzjoni li jagħmluha aktar faċli għall-iskejjel biex jagħmlu kuntatt mal-Membri tal-Parlament Ewropew u jifhmu l-ħidma tagħhom. Huma jiffaċilitaw ukoll il-kuntatti ma' skejjel Ewropej oħra f'dan in-netwerk.

 **Bejn 14 u 18-il sena**  Grupp(i) ta' studenti flimkien mal-għalliem(a)

 L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea

Disponibbiltà: Ikkuntattja l-eqreb Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew

Aktar informazzjoni:

www.europarl.europa.eu/atyourservice

www.facebook.com/EPAmbassadorSchools

RIŻORSI ONLINE

Attivitajiet dwar Dar l-Istorja Ewropea għall-klassi



Riżorsi online huma disponibbli għall-educaturi u l-istudenti fis-sit web ta' Dar l-Istorja Ewropea. Il-materjal jikkomplementa l-wirja permanenti u huwa ideali għall-użu fil-klassi, fid-dar jew f'postijiet edukattivi oħra. It-temi ewlenin huma koperti fir-riżorsi, li jittrattaw il-kwistjonijiet kif ukoll jenfasizzaw ix-xebh bejn il-passat u l-preżent. Temi disponibbli: *il-migrazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, l-identità, il-kunflitt u l-komunikazzjoni*.

👤 **Bejn 6 snin u 18-il sena** 🗨️ L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea

Aktar informazzjoni: www.historia-europa.ep.eu

Iċ-ċentru multimedia

Iċ-ċentru multimedia tal-Parlament Ewropew jinkludi taħlita ta' aħbarijiet, vidjos ta' sfond u dawk edukazzjonali. Il-vidjos huma disponibbli f'bosta formati u bis-sottotitoli jew b'ħafna mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

🗨️ L-24 lingwa kollha tal-Unjoni Ewropea

Aktar informazzjoni: www.multimedia.europarl.europa.eu

INFORMAZZJONI PRATTIKA

✉ visit@europarl.europa.eu

🌐 europarl.europa.eu/visiting

📘 [facebook.com/visitEuropeanParliament](https://www.facebook.com/visitEuropeanParliament)

📷 @visit_EP

🐦 @visit_EP

